MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 261/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Cassar]**

**vs**
**Jesmond Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru: 261/2009**

Illum, 11 ta' Mejju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jesmond Zammit ta' 43 sena, iben Joseph u Mary nee` Galea, imwieled Pieta' fil-5 ta' Dicembru, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 553665M u residenti fil-fond 50, Daffodil, New Street, Paola.

Akkuzat talli:

1. Fis-7 ta' Frar, 2009 u fix-xhur ta' qabel fil-Blata l-Bajda, b' diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulin b' risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' 'parts' mill-istores ta' Michael Attard Imports Limited sitwat fi Triq Nazzjonali, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-€2329.37 u bil-persuna;
2. U aktar talli fl-istess zmien, f' dawn il-Gzejjer, xjentemnet xtara u/jew laqa` ghandu hwejjeg misruqa, mehudha b' qerq jew akkwistati b' reat sew, jew xjentement, b' kull mod iehor li jkun iddahhal f' dawn il-Gzejjer biex ibieghhhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-€2329.37 u bil-persuna.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Genareli biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fil-11 ta' Mejju 2009 meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li t-tieni imputazzjoni giet migjuba kontra l-imputat alternattivament ghall-ewwel wahda.

Rat li f'dik l-istess udjenza l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat alternattivament ghall-ewwel wahda; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-fedina penali ta’ l-imputat u l-fatt li r-res furtiva giet irkuprata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d), 267, u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------